20 ta' Jannar, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Nazzarena Callus pr. et ne. et. *versus* Benedetto Zammit**

## Danni — Kolliżjoni — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Likwidazzjoni — Dolo — Art. 1088 u 1089 tal-Kodiċi Ċivili

*Id-danni li l-persuna responsabbli għalihom minħabba ħtija akwiljana għandha tirriżarċixxi huma mhux biss dawk tad-"damnum emergens", imma anki dawk tal-"lucrum cesans".*

*Il-"lucrum cessans" għandu jiġi likwidat wara li jiġu meqjusa ċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u l-grad tal-inkapa-*

*ċitù kaġunata, u l-kondizzjoni tal-persuna li tbati l-ħsara; iżda meta l-ħsara mhix kaġunata doložament, is-somma stabbilita mill-Qorti ma għandhiex tissupera £1,200.*

*Jekk mbgħad l-għemil li jagħti lok għad-danni jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali kaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond il-kriterji fuq traċċjati.*

*Imma jekk id-danni huma kaġunati doložament, il-liġi ma tistabbilixxix ebda limiti massimu, u l-likwidazzjoni tagħhom hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti; u fil-fissazzjoni tassomma tad-danni għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi elementi, fosthom prinċipalment l-età tal-vittima, il-kondizzjoni soċjali tagħha, u mhux biss il-proventi li kienet qegħedha ddaħħal qabel il-mewt, imma dawk potenzjali, jiġifieri li bil-ħila tagħha huwa probabbli li l-quddiem kienet tagħmel skond l-opportunitajiet li l-lum toffri l-ħajja għal bniedem ta' l-età tal-mejjet.*

*Każ fejn il-Qorti ta' l-Appell akkordat bħala danni lill-werrieta ta' bniedem li miet vittima ta' kolliżjoni doluża s-somma ta' £1,060, mentri l-Qorti ta' l-Ewwel Grad kienet akkordat somma ta' £120.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, u wara li ppremettew illi fis-26 ta' Gunju 1947, għall-ħabta tas-sagħtejn wara nofs inhar (2.00 p.m.), fl-"Air Strip" ta' Ħal Safi, il-konvenut Benedetto Zammit, per mezz tal-motor car "Dodge" numru 4410, li kien qiegħed isuq huwa stess, doložament u b'intenzjoni li joqtol, investa lil Giuseppe Barbara, li jiġi t-tifel tal-attriċi, u bl-istess investiment ikkaġuna l-mewt ta' dana Giuseppe Barbara; u illi b'dana l-għemil tiegħu doluż il-konvenut arreka danni immensi lill-attriċi proprio et nomine, kif jiġi pruvat anki fit-trattazzjoni tal-kawża, billi dana binha Giuseppe Barbara kien iżomm id-dar u jmantni lill-istess attriċi u lill-ħutu fuq imsemmija; talbu li l-istess konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mill-attriċi proprio et nomine minħabba l-investiment doluż kif fuq imsemmi; (2) u konsegwentement l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lill-istess attriċi, għaliha nnfisha u għal uliedha fuq imsemmija, somma ta' flus in

rižarċiment tad-danni sofferti mill-istess attriċi proprio et nomine minħabba l-mewt ta' binha Giuseppe Barbara, kaġunata mill-konvenut kif fuq imsemmi — liema somma għandha tiġi likwidata minn dina l-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Mejju 1955, li biha, prevja konferma, safejn kompatibbli, tal-konklużjonijiet peritali, laqgħet it-talba tal-atturi, u kkundannat lill-konvenut iħallsilhom bħala danni s-somma ta' £120, bl-imgħax legali mill-jum tas-sentenza; u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut, barra dawk relattivi għas-seduta tas-26 ta' Ottubru 1951, li għandhom jitħallsu bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi skond l-art. 1089 (Kod. Ċiv.), jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, ir-rižarċiment huwa dovut lill-werrieta. Jirriżulta illi Giuseppe Barbara miet mingħajr testment (fol. 94 u 95), u għalhekk wirtuħ ommu u ħutu, sija pure minn naħa tal-omm biss, f'ishma ndaqs (art. 853 Kod. ċitat) ................;

Illi, għalkemm ma jirriżultax illi l-eredità ġiet mill-atturi aċċettata formalment (ara nota tagħhom fol. 86), bil-fatt li huma pproponew il-kawża preżenti huma ġew aċċettawha taċitament, peress li huma ma setgħux jagħmluha jekk mhux bħala werrieta (art. 891 (3) Kod. Ċiv., kif interpretat mill-Qorti tal-Appell in re "Bartolo vs. Mercieca", deċiża fis-7 ta' Diċembru 1934, u minn dina l-Qorti in re "Sammut vs. Refalo", deċiża fit-30 ta' Ġunju 1954);

Illi, fil-meritu, il-perit legali kkonkluda (1) illi l-mewt ta' Giuseppe Barbara kienet dovuta għal "dolo" veru u proprju tal-konvenut ......... u (2) illi l-vera perdita li sofrew l-atturi bil-mewt tal-imsemmi Barbara, taħt iċ-ċirkustanzi, tista' tiġi riparata b'kumpens ta' £60;

Illi l-atturi, fin-nota tagħhom fol. 78, sostanzjalment issottomettew illi dak il-kumpens huwa irriżorju, u ma jikkorrispondix għall-kriterji traċċjati mill-art. 1088 (Kod. Ċivili); mill-banda l-oħra, il-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 82, isostni li l-ebda kumpens ma hu dovut lill-atturi, billi l-qliegħ leċi-

tu tal-mejjet Barbara kien traskurabbli u lanqas kien sufficjenti għall-bżonnijiet tiegħu;

Illi, skond l-art. 1088 fuq ċitat, il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha tikkonsisti f'dak li l-parti li sofriet il-ħsara tkun effettivament tilfet ("damnum emergens") u fit-telf tal-qliegħ li dik il-parti tista' ssofri l-quddiem minħabba li tkun ġiet inkapaċitata permanentement biex tagħmel xogħol li jirrendilha dak il-qliegħ ("lucrum cessans"); u meta l-ħsara ssir b'ħażen (doložament), ir-responsabbiltà għal dan l-aħħar telf ta' qliegħ tkun bla tarf. Indubbjament, dan il-qliegħ jista' jkun dak biss li jkun ġej minn provenjenza leċita; għaliex skond il-liġi ma jistax jiġi rižarċit dannu derivanti minn fatt illeċitu, u kwindi legalment ineżistenti. Barra minn dan, hu magħruf illi fil-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans" il-Qorti għandha tipproċedi b'ċirkospezzjoni kbira, peress li dana l-qliegħ hu bażat fuq il-probabbilità, u jista' jonqos minn mument għall-ieħor anki għal kawżi naturali (Kollez. XXIX-I-1129); u għalhekk mhux rižarċibbli d-dannu konsistenti fi qliegħ li jkun merament fit-tama u merament possibbli (Kollez. XXVII-II-299);

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, il-fatt li l-mewt ta' Giuseppe Barbara ġiet mill-konvenut kaġunata doložament, il-kondizzjoni tad-danneġġjat, kif ukoll iċ-ċirkustanza li l-qliegħ abitwali kien, fil-biċċa l-kbira, illeċitu, hija tal-fehma li l-kumpens adegwat dovut lill-atturi huwa ta' £120;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li tiġi likwidata somma akbar minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi d-danni reklamati mill-atturi huma dawk rižultanti mill-att doluż tal-konvenut, li, bħala konsegwenza ta' dak l-att ikkaġuna l-mewt ta' Giuseppe Barbara, li kellu 29 sena, li tiegħu l-atturi appellanti huma l-werrieta;

**Ikkunsidrat;**

Illi skond il-liġi — art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili — id-danni li l-persuna responsabbli għandha tirriżarċixxi taħt l-"actio legis aquiliae" huma, mhux biss dawk tad-"damnum emergens", iżda anki dawk tal-"lucrum cessans". Dawn l-aħħar danni, skond it-tieni paragrafu ta' l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, għandhom jiġu likwidati wara li jiġu meqjusa ċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u l-grad ta' inkapaċità kaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara; iżda meta l-ħsara mhix kaġunata dolożament, is-somma stabbilita mill-Qorti ma tistax tissupera l-£1200. L-artikolu ta' wara (1089) jiddisponi li, jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali kaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skond id-dispożizzjoni ta' l-artikolu preċedenti;

Mill-imsemmijin żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, applikati għall-każ in eżami, jidher li lill-appellanti, bħala eredi ta' Giuseppe Barbara, għandhom jiġu riżarċiti d-danni konsegwenzjali għall-mewt ta' l-istess Barbara, li dawk id-danni għandhom ikopru tant dawk tad-"damnum emergens" kemm dawk tal-"lucrum cessans", li għandhom jiġu likwidati skond iċ-ċirkustanzi tal-każ, u speċjalment skond l-inkapaċità kaġunata u l-kondizzjoni ta' l-appellanti, u li għad-determinazzjoni ta' dawk id-danni l-liġi ma tistabbilixxix ebda limiti massimu, u l-likwidazzjoni tagħhom hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, billi l-ħsara ġiet kaġunata dolożament;

Illi, skond ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju, il-mewt ta' Giuseppe Barbara kienet dovuta għall-azzjoni doluża tal-konvenut, li deliberatament, biex joqtlu, laqtu bil-karrozza li l-istess konvenut kien isuq, u li l-ħsara riżultanti bħala "damnum emergens" hija ta' l-ammont ta' £60. L-Ewwel Qorti awmentat din is-somma għal £120, billi ħadet in konsiderazzjoni d-danni derivanti mill-"lucrum cessans". Fi ftit kliem, l-Ewwel Qorti llikwidat f'£60 oħra dawn l-aħħar danni, riżarċibbli bħala "lucrum cessans" minħabba l-mewt ta' Giuseppe Barbara, dolożament kaġunata mill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qegħdin isostnu li s-somma kif fuq likwidata mill-Ewwel Qorti għandha tiġi sostanzjalment awmentata. Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellanti, u jidhrilha li, taħt iċ-ċirkustanzi is-somma likwidata mill-Ewwel Qorti hija ferm żgħira u xejn adegwata;

Ikkunsidrat;

Illi fil-fissazzjoni ta' dik is-somma għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi elementi, fosthom prinċipalment l-età tal-vittima, il-kondizzjoni soċjali tagħha, u mhux biss il-proventi li kienet qegħedha ddaħħal qabel il-mewt, imma anki dawk potenzjali, jiġifieri li bil-ħila tagħha huwa probabbli li l-quddiem kienet tagħmel skond l-opportunitajiet li l-lum toffri l-ħajja għal bniedem ta' l-età tal-mejjet. Fuq il-konsiderazzjonijiet premessi, u in bażi għaċ-ċirkustanzi fuq elenkati u dawk kollha li jirriżultaw mill-provi prodotti, u meħuda speċjalment in konsiderazzjoni l-età tal-mejjet, li kellu 29 sena u ma kellu ebda marda li setgħet timpedieh mix-xogħol, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li s-somma dovuta mill-konvenut Benedetto Zammit għall-"lucrum cessans" jistħoqqilha tiġi fissata fl-ammont ta' elf lira (£1,000), li miżjudin mas-somma ta' £60 likwidata għall-ħsara bħala "damnum emergens" tifforma s-somma komplessiva ta' £1,060, li fiha għandhom jiġu kanonizzati kredituri l-atturi appellanti, għar-raġunijiet indikati fl-att taċċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet premessi l-appell ta' l-atturi għandu jiġi milqugħ, u dak inċidentali tal-konvenut għandu jiġi respint;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell ta' l-atturi, fis-sens li tawmenta għal £1,060 s-somma favur tagħhom kanonizzata bis-sentenza appellata, li għandha tiġi lilhom imħallsa mill-konvenut Benedetto Zammit, bl-imgħax legali mil-lum. L-ispejjeż ta'

dina l-istanza jitħallsu mill-imsemmi konvenut, u dawk ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi bis-sentenza appellata;

U tirrespinġi l-appell inċidentali tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu.